L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU — MALTA — OFFICE OF THE PRIME MINISTER

*Dipartiment għall-Gvern Lokali* — *Department for Local Government*

Ref. Tagħna:

11 ta' Novembru 2011

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri Lokali u
Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

**MEMO 112/2011**

Il-Kunsilli Lokali għandhom rwol importanti fil-ħidma li qed issir biex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku u jitjieb is-servizz tat-trasport pubbliku b' mod partikulari waqt il-ħinijiet ta' filgħodu bejn is-6.30a.m. u d-9.30a.m.

Għaldaqstant il-Kunsilli Lokali qegħdin jintalbu jimxu ma' dawn l-istruzzjonijiet li ġejjin:

- ma għandhomx jinħarġu permessi għal *cranes*, tqegħid ta' *skips* eċċ li b'xi mod jagħlqu jew jostakolaw anke karreġjata waħda jew parti minn karreġjata, fit-toroq arterjali u toroq li minnhom jgħaddu l-karozzi tal-linja, fl-ebda ġurnata tal-ġimgħa fil-ħinijiet indikati;

- ma għandhomx jingħataw permessi biex isiru xogħolijiet li permess tagħhom b'xi mod jagħlqu jew jostakolaw anke karreġjata waħda jew parti minn karreġjata, fit-toroq arterjali u toroq li minnhom jgħaddu l-karozzi tal-linja, fl-ebda ġurnata tal-ġimgha fil-ħinijiet indikati;

- ma jsir l-ebda xogħol mill-Kunsilli Lokali fit-toroq u fil-ħinijiet indikati (eż. *patching*, *resurfacing*, zebgħa ta' sinjali)

Napella lil kull Kunsill Lokali biex jikkopera u jimxi ma' dawn l-istruzzjonijiet. B'hekk tkunu qed tassiguraw li nevitaw sitwazzjonijiet li jwasslu għal konġestjonijiet bla bżonn fit-toroq tagħna jew li jxekklu l-karozzi tal-linja f'dawn il-ħinijiet partikulari.

Grazzi tal-koperazzjoni.

f/Carmel Abela
Direttur, Gvern Lokali

Kopji: Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Segretarju Permanenti Ewlieni
Kelliemi Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
Ombudsman
Segretarju Privat tal-Prim Ministru, Uffiċċju tal-Prim Ministru
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)

26 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA VLT 2000
TEL: 2200 2300 FAX: 2200 2390